# Ċerimonja ta' Tifkira lil Ġanni Vassallo f'Għawdex

B'INIZJATIVA tas-Sur Ġorġ Pisani, il-Poeta Għawdxi, il-lum Surmast tal-Malti u "Assistant Public Relations Officer", fit-18 ta' April li għadda, il-Hadd fil-għodu, f'Għawdex saret ċerimonja ta' Tifkira lil ĠANNI VASSALLO, wieħed mill-aqwa bennejja tal-Malti. Bħala bniedem li għax l-aħħar tletin sena ta' ħajtu f'Għawdex, li kien għalih it-tieni pajjiż ta' twelidu, il-Kumitat ta' din iċ-ċerimonja ħaseb biex iwaħħal irħama b'iskrizzjoni fid-Dar fejn dan il-bniedem, Bennej tal-Lsien Malti, għax l-aħħar snin ta' ħajtu u miet.

Wara li nkixfet l-irħama kommemorativa, bi stedina tal-Kumitat saret laqgħa bejn il-ħbieb tal-Lsien Malti fil-Banka tar-Rabat, u mill-Uffiċċju ta' l-"Assistant Public Relations Officer" tkellmu minn fuq ir-"Rediffusion", il-Prof. Aquilina, is-Sur Cremona, l-Aġent Direttur ta' "Il-Malti", bħala ħabib tal-qalb ta' Ġanni Vassallo, u fl-aħħarnett Patri Akkursju Xerri, l-Editur tal-ġurnal "Għawdex".

Fetaħ iċ-ċerimonja l-Professur Ġużè Aquilina li bi kliem qawwi u sabiħ tkellem fuq l-importanza tal-kitba u tal-koltivazzjoni letterarja ta' lsien art twelidna u dwar il-ħidma ta' Ġanni Vassallo li bis-saħħa tagħha din l-importanza twettqet fix-xogħol li sar mill-Għaqda u mill-kittieba li mxew wara Ġanni Vassallo, li kien fetaħ it-triq għall-bini tas-sistema tal-kitba tal-Għaqda.

It-taħdita tas-Sur Cremona kienet mimlija u mżewqa b'tagħrif bijografiku fuq Ġanni Vassallo bħala studjuż tal-kitba Maltija u bennej ta' l-ortografija li fuqha ssawret dik li għandna l-lum; semma l-merti grammatikali, letterarji u morali, fosthom l-imħabba kbira li kellu Vassallo għall-Giżra ta' Għawdex u għall-Għawdxin li kien igħożżhom bħal ħutu u l-irġulija u onestà tiegħu, kwalitajiet li kienu l-karatteristika ta' ħajtu fil-ħajja privata, letterarja u uffiċjali tiegħu. Is-Sur Nin Cremona li kien jafu sa mill-1904, u l-iktar, meta beda jitgħallem il-Malti, ma naqasx li jfisser bl-isbaħ kliem kemm dan il-bniedem sewa lilu ta' ġid u x'għajnuna kellu minnu meta flimkien miegħu kellu jaħdem is-sistema ta' l-ortografija tal-Għaqda li wara saret l-ortografija uffiċjali tal-lum.



Fl-aħħarnett għalaq iċ-ċerimonja Patri Akkursju Xerri, b'taħdita li fiha bi ħsibijiet l-iktar għolja u sbieħ tkellem dwar l-Ilsien Malti u l-bennejja tiegħu, u fost dawn qabbeż il-figura għażiża ta' Ġanni Vassallo.

Ippresieda din il-laqgħa l-Kummissarju ta' Għawdex, is-Sur Edgar Montanaro, li barra mill-kariga għolja li għandu bħala Kap tal-Gvern Ċivili f'Għawdex, huwa bniedem letterat u studjuż ta' l-istorja patrja.

Bejn id-diskorsi nstemgħu minn fuq ir-"Rediffusion" bċejjeċ ta' mużika klassika.

Il-Kumitat ta' l-organizzazzjoni ta' din iċ-ċerimonja nazzjonali, inqeda b'din l-okkażżjoni billi offra "Sherry Party" lil Ninu Cremona, il-ħabib ta' Ġanni Vassallo, bħala ferħ talli s-sena li għaddiet kiseb il-"Premju Muscat Azzopardi" għall-ħidma tiegħu letterarja fil-qasam tal-Malti.

Waqt il-"Party" tkellem il-Prokuratur Legali, is-Sur Ġ. Cefai, M.L.A., li bħala wieħed li għax mas-Sur Vassallo u ġie mrobbi minnu, radd ħajr lis-Sur Pisani u lill-ħbieb l-oħra għall-ħsieb sabiħ tagħhom li jfakkru b'mod hekk xieraq bniedem li l-istudju tal-lsien Malti kien l-akbar hena ta' ħajtu. Tkellem ukoll l-Avukat Anton Calleja, B.A., LL.D., M.L.A., fuq il-merti letterarji tal-kompajżan tagħhom, aliev ta' Vassallo, u fl-aħħar Mons. Kan. Don Ġużepp Farrugia, Bibljotekarju f'Għawdex, għalaq din il-laqgħa billi f'erba kelmiet sbieħ u flokhom fisser kemm kienet tassew ħaġa xierqa li mat-tifkira ta' Vassallo jifirħu bil-mistieden, ħabibhom Cremona, li ħadem ma' Vassallo għall-progress tal-lsien Malti u minn għand dana, mat-tagħlim tal-lsien Malti, wiret ukoll il-mertu ta' xogħol li nbeda minn Vassallo u tkompla minnu bil-għajnuna ta' sħabu tal-Għaqda.

Bis-saħħa ta' dil-laqgħa, biex ingħid hekk, storika, ittieħdet riżoluzzjoni fost dawk il-ħbieb tal-Malti, nies li jirrappreżentaw il-fjur tal-kultura Għawdxija, li għandha titwaqqaf fil Belt Vittorja, Xirka tal-Lsien Malti u dak il-ħin stess inħatru l-membri tal-Kumitat ta' dik ix-Xirka.

Nittamaw li din ix-Xirka ma tmutx fin-nieqa bħalma ġralhom xi ixirka oħra. Il-figura ta' Vassallo u ta' xi ftit minn sħabu għandha sservina bħala eżempju fit-twettiq ta' ħsieb u fehmiet sbieħ bħal dawn.